

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/614****tad-19 ta' April 2016****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid xi subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 <sup>(2)</sup>. Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 256, 7.9.1987, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' April 2016.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Stephen QUEST  
Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali*

---

## ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Oġġett (l-hekk imsejjaħ “serra tal-passatemp”), b’qisien ta’ madwar 140 × 140 × 200 cm, magħmul minn qafas tal-azzar. Il-qafas għandu wkoll xtillieri magħmulin minn tmien xkafef tal-wajer tal-metall, erbgħa fuq iż-żewġ naħat, b’qisien ta’ madwar 58 × 28 cm. Fuq kull naħa, il-qafas huwa mgħotti b’folji flessibbli tal-plastik u fuq quddiem għandu bieba li titkebbeb b’qisien ta’ madwar 86 × 145 cm. Din il-bieba tista’ tinżamm magħluqa permezz tal-“Velcro”. Fl-istruttura tista’ tidħol persuna waħda. L-għan tal-użu tagħha huwa l-ħżin ta’ pjanti għal perjodi qosra jew twal (pereżempju, għall-użu fi swieq).</p> <p>Ara l-istampa (*)</p>	7326 90 98	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħqda u l-kliem tal-kodiċi NM 7326, 7326 90 u 7326 90 98.</p> <p>L-oġġett ma jistax jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 9403 bħala “tip ta’ għamara oħra” għax ma għandux jintuża bħala għamara għal djar privati, lukandi, uffiċċji, skejjet, knejjes, ħwienet, laboratorji u postijiet simili oħrajn, iżda jintuża biss għall-ħżin tal-pjanti (ara wkoll in-Noti ta’ Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata tal-Kapitolu 94, Ġenerali, it-tieni paragrafu, (A), kif ukoll għall-intestatura 9403, it-tieni paragrafu).</p> <p>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 9406 bħala “bini prefabbrikat” hija eskluża wkoll, minħabba li l-kostruzzjoni tagħha hi relattivament instabbli, b’hitana flessibbli. Għaldaqstant, mhijiex adatta għall-użu fuq barra għal żmien twil, minħabba li mhix meqjusa bħala oġġett li jiflaħ għal kull tip ta’ temp.</p> <p>Għalhekk, l-oġġett jiġi kklassifikat skont il-materjal li jkun magħmul minnu. Il-karattru essenzjali tal-prodott jingħata mill-element ta’ kostruzzjoni (qafas u xkafef tal-metall).</p> <p>Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 7326 90 98 bħala oġġetti oħra tal-ħadid u tal-azzar.</p>

(\*) Din l-istampa hija għal finijiet ta’ informazzjoni biss.

